

# Xbiehat tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Knejjes tal-Belt Valletta



**Mario Fenech**

Fl-artiklu li ktibt f'dan il-Programm is-sena li għaddiet kont semmejt uhud mix-Xbiehat sbieħ tal-Immakulata Kunċizzjoni li nsibu fil-Knejjes tal-Belt Valletta.

F'Knejjes u Kunventi ta' din il-Belt Kapitali tagħna x-xbiehat tal-Immakulata huma bosta, għal daqstant se inkompli fejn ħallejt bil-kitba tiegħi s-sena l'oħra.

**Fil-Knisja Tal-Monasteru ta' Santa Katerina.**
Fil-Knisja li hemm anness magħha l-Monasteru ta' santa Katerina, mibnija bejn is-sena 1714 u s-sena 1766 fuq il-pjanta ta' Romano Carapecchia hemm statwa ħelwa ħafna tal-Immakulata Kunċizzjoni.



Nħadmet fil-karta pesta mil-Istatwarju Glormu Dingli. Din l-Istatwa ma tintramax fil-Knisja għall-Festa tat-8 ta' Diċembru, tintrama waqt il-jiem tal-Festa tal-tal-Madonna. Għandha daqs medju b'xogħol sabieħ ta' nduratura u sgaffir. Idejn il-Madonna huma ma' xulxin filwaqt li l-ħarsa fuq wiċċha hija mimlija bi Grazzja. Madwar ras il-Madonna hemm stillarju bil-kwiekeb tal-fidda, filwaqt li l-pedistall tal-Istatwa huwa ndurat bid-deheb.

**Fil-Knisja tal-Ġiżwiti.**
Il-Knisja Ġiżwita fiha bosta xogħolijiet artistiċi sbieħ. Fost dawn nsibu Statwa tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Kappellun iddedikat lill Madonna ta' Monserrat mwaqqaf b'digriet tal-Isqof ta' Malta Monsinjur Tommaso Gargallo fil-bidu tas-Seklu Sbatax.

Fl-istess Kappellun ftit taż-żmien wara li kienu waslu l-Ġiżwiti f'Malta twaqqfet is-Sodalita tal-Immakulata Kunċizzjoni fis-sena 1594. Nhar it-13 t'Awwissu 1600 il-Ġeneral tal-istess Ordni tal-Ġiżwiti kien tal-Kunsens tiegħu biex din is-Sodalita tkun parti mil-Kulleġġ tal-Ordni.



Snin wara kienet saret din l-Istatwa tal-Immakulata xogħol sabieħ ħafna li ma nafux eżatt min ħadimha.

Fis-Sagristija tal-istess Knisja tal-Ġiżwiti fost in-numru kbir ta' kwadri li kollha għandhom l-istorja tagħhom x'jirrakkuntaw hemm wieħed bix-xbieha tal-Immakulata, jinsab fi gwarniċ eżempju sabiħ ta' xogħol barokk skolpit fl-injam indurat. Jidher li dan kien fuq xi skanell ta' Altar bħala Sotto kwadru. Ix-Xogħol huwa wieħed sabieħ ħafna b'kuruna dehebiena fuq Ras l'Immakulata li f'dan il-kwadru tidher fil-mod tradizzjonali li bih soltu narawha ppreżentata..

Anessi ma din il-Knisja tal-Ġizwiti li hija waħda mill-Knejjes tal-Belt Kapitali li fiha hemm numru kbir ta Opri Sagri ta' Livell Artistiku kbir hemm żewġ Oratorji li fihom ukoll hemm għadd kbir ta' xogħolijiet artistiċi mill-isbaħ li ħarġu minn idejn artisti kbar matul is-snin.

Dawn huma l-Oratorju ta' Santa Onorata magħruf bħala "Ta 'L-Onorati" u l'Oratorju tal-Immakulata Kunċizzjoni.

Dwar dan tal-aħħar u l-Opri Sagri sbieħ li nsibu fih nikteb fil-ħarġa li jmiss ta' dan il-Programm is-sena d-dieħla. Il-festa t-tajba lil kulħadd.